

Brussell, 17 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10868/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0036 (COD)**

**CLIMA 190
ENV 519
ENER 293
CODEC 819**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Settembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 563 final
Suġġett:	Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-kisba tan-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 563 final.

Mehmuż: COM(2020) 563 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.9.2020
COM(2020) 563 final

2020/0036 (COD)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-kisba tan-newtralità klimatika u li jemenda r-
Regolament (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-4 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")¹.

Il-proposta għal Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tiffirma parti minn pakkett usa' ta' azzjonijiet ambizzjużi mħabbra fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew². Il-Patt Ekoloġiku Ewropew iniedi strateġija ġdida ta' tkabbir għall-UE bil-għan li tittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prospera, ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, mingħajr emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-2050 u bi tkabbir ekonomiku diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Dan għandu l-għan ukoll li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-UE, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-klima u mal-ambjent. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jikkonferma mill-ġdid l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050.

Il-proposta għandha l-għan li tipprovdi direzzjoni billi tnaqqax l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 fil-leġiżlazzjoni, u żżid iċ-ċertezza u l-fiduċja fl-impenn tal-UE kif ukoll it-trasparenza u l-kontabbiltà.

Il-proposta oriġinali tiddikjara li sa Settembru 2020, il-Kummissjoni se tippreżenta pjan ta' valutazzjoni tal-impatt biex iżżid il-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2030 għal mill-inqas 50 % u għal 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 b'mod responsabbli, u tiddikjara wkoll li l-Kummissjoni se tipproponi li temenda l-proposta skont dan. Dan ġie rifless fl-Artikolu 2(3) u fil-premessa 17 tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 juri li ż-żieda fil-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030 għal mill-inqas 55 % hija fattibbli daqskemm ta' benefiċċju.

Bil-ħsieb li tinkiseb newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050, għalhekk huwa propost li l-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2030 tiżdied għal mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, inkluż l-emissjonijiet u l-assorbimenti. Din il-proposta timmodifika l-proposta inizjali tal-Kummissjoni (COM(2020) 80 final) biex il-mira riveduta tiġi inkluża fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni jstabbilixxi fid-dettall il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti. Il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030 juri li żieda fil-mira timplika sforzi mis-setturi kollha biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u tishiġ tal-assorbimenti, li jeħtieġ jiġu ffaċilitati minn diversi politiki. Għalhekk, sa Ġunju 2021, il-Kummissjoni se tirrevedi l-istrumenti ta' politika relatati u rilevanti kollha, kif stabbilit fl-Artikolu 2a(2) tal-proposta.

¹ COM(2020) 80 final.

² COM(2019) 640 final.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-inizjattiva hija marbuta ma' ħafna oqsma ta' politika oħra, billi l-azzjonijiet u l-politiki kollha tal-UE jenħtieġ irawmu tranżizzjoni għusta lejn in-newtralità klimatika u futur sostenibbli, kif deskritt fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, wara l-adozzjoni tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, it-tifqigħa tal-coronavirus ħolqot kriżi tas-saħħa pubblika u xokk soċjoekonomiku fuq skala mingħajr preċedent. Ir-rispons ta' politika Ewropea mingħajr preċedent għall-COVID-19 huwa opportunità unika biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u għal futur sostenibbli filwaqt li jittaffew l-impatti severi tal-kriżi. Il-proposta hija konsistenti mal-Komunikazzjonijiet tan-Next Generation EU³ u l-baġit tal-UE fit-tul imgedded⁴, li jinkludi pjan ta' rkupru ambizzjuż tal-Kummissjoni li jiggwida u jibni Ewropa aktar sostenibbli, aktar reżiljenti u aktar għusta għall-ġenerazzjoni li jmiss. Dawn juru l-impenn li “ma ssirx ħsara” fir-rigward tal-ambizzjonijiet klimatiċi u ambjentali tagħna, jiżguraw li l-flus jintefqu f'konformità mal-obiettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u jħaffu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali doppji b'mod soċjalment għust.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, bħal fil-każ tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni jagħti dettalji dwar il-kunsiderazzjonijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Dawn l-ispjegazzjonijiet jibqgħu validi anki għall-emendi proposti, għax mira għall-ekonomija kollha u għall-UE kollha tista' tiġi stabbilita biss fil-livell tal-UE.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta temenda l-proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 80 final. L-istrument magħżul huwa Regolament, f'konformità mal-istrument magħżul għall-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Din l-għażla hija spjegata fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni jagħti dettalji dwar il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, bħall-konsultazzjoni pubblika mwettqa, l-avveniment tal-partijiet ikkonċernati organizzat mill-Kummissjoni fit-tnejjija tal-

³ COM(2020) 456 final.

⁴ COM(2020) 442 final.

Komunikazzjoni “Pjaneta Nadifa għal Kulħadd”⁵ u l-avveniment pubbliku ta’ Jannar 2020 dwar l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew – il-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

Barra minn hekk, fit-tnejn tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika mill-31 ta’ Marzu sat-23 ta’ Ġunju 2020, u rċeviet aktar minn 4000 tweġiba mingħand firxa wiesgħa ta’ partijiet ikkonċernati. Rapport fil-qosor⁶ jiġbor fil-qosor l-attivitajiet ta’ konsultazzjoni dwar il-pjan.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu analiżi fid-dettall⁷ b’appoġġ għall-Komunikazzjoni “Pjaneta Nadifa għal kulħadd”. Din tesplora kif in-newtralità klimatika tista’ tinkiseb sal-2050 billi tħares lejn is-setturi ekonomiċi ewlenin kollha, inkluż l-enerġija, it-trasport, l-industrija u l-agrikoltura. Dik il-valutazzjoni u l-evalwazzjoni tal-istrateġija ta’ adattament tal-UE (2018) jappoġġaw il-proposta inizjali tal-Kummissjoni, kif spjegat fid-dettall fil-Memorandum ta’ Spjegazzjoni ta’ dik il-proposta.

Il-modifiki proposti għall-proposta huma relatati mal-mira tal-UE għal tnaqqis nett tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2030. Fir-rigward taż-żieda ta’ dik il-mira, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt⁸ li huwa meħmuż mal-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-Memorandum ta’ Spjegazzjoni tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni jagħti dettalji dwar il-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji huma ppreżentati fid-dikjarazzjoni leġislattiva għall-proposta inizjali tal-Kummissjoni u mhumiex affettwati minn din l-emenda.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-modifiki proposti għad-dispożizzjonijiet fil-proposta inizjali għal Liġi Ewropea dwar il-Klima huma relatati mal-inklużjoni ta’ mira ġdida tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2030 fl-Artikolu 2a(1) tal-proposta. Din id-dispożizzjoni emendata tissostitwixxi l-Artikolu 2(3) tal-proposta inizjali, li stabbilixxa l-proċess li jwassal għal din l-emenda.

L-Artikolu 2a(2) tal-proposta riveduta jħabbar proċess għar-reviżjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni li timplimenta l-mira tal-2030 f’konformità mal-Artikolu 2(4) tal-proposta inizjali, li ċċaqlaq fl-Artikolu 2a il-ġdid, fejn iddaħħlet referenza għall-mira l-ġdida għall-2030.

⁵ COM(2018) 773 final.

⁶ SWD(2020) 178

⁷ Analiżi fil-fond b’appoġġ għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2018) 773, https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/docs/pages/com_2018_733_analysis_in_support_en_0.pdf

⁸ SWD(2020) 176

L-Artikolu 1 tal-proposta inizjali huwa emendat ukoll biex ikun jinkludi referenza għall-mira l-għdida għall-2030 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u l-premessi korrispondenti ġew adattati.

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-kisba tan-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima)**

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 80 hija emendata kif ġej:

- (1) Il-premessa 17 hija sostitwita b'dan li ġej:

“Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”, il-Kummissjoni vvalutat il-mira tal-Unjoni għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, fil-Komunikazzjoni tagħha “It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 – Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna”⁹, abbażi ta' valutazzjoni komprensiva tal-impatt u b'konsiderazzjoni tal-analiżi tagħha tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ppreżentati lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰. Fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, jenħtieġ li sal-2030 jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jissaħħu l-assorbimenti, biex l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra, jiġifieri l-emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, jitnaqqsu fl-ekonomija kollha u fil-livell domestiku b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Din il-mira l-għda tal-Unjoni għall-2030 dwar il-klima hija mira sussegwenti għall-finijiet tal-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u għalhekk tissostitwixxi l-mira tal-Unjoni kollha għall-2030 għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbilita f'dak il-punt. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li sat-30 ta' Ġunju 2021 tivvaluta kif jeħtieġ tiġi emendata l-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni li timplimenta l-mira klimatika għall-2030 biex jinkiseb dan it-tnaqqis nett tal-emissjonijiet.”;

- (2) fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu, tizzied is-sentenza li ġejja:

“Jistabbilixxi wkoll mira vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra għall-2030.”;

- (3) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 3 u 4 jitħassru;

- (4) jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

“Artikolu 2a

Mira klimatika għall-2030

1. Biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), il-mira klimatika vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 għandha tkun tnaqqis tal-

⁹ COM(2020) 562

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

emissjonijiet netti tal-gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

2. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni biex tippermetti l-kisba tal-mira stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u tikkunsidra li tiegħu l-miżuri meħtieġa, inkluż l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi, f'konformità mat-Trattati.”;

(5) l-Artikolu 3(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. It-trajettorja għandha tibda mill-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 stabbilita fl-Artikolu 2a(1).”

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President